# Diskors li sar fin-Nadur fl-1785 dwar San Pietru u San Pawl

*Kitba u riċerka ta' Daniel Meilak*



**Introduzzjoni:** Kien nhar il-15 ta' Mejju meta kif kont qiegħed infittex fil-katalogu tal-Università ta' Malta ltqajt ma' manuskritt, li fih bosta priedki, meditazzjonijiet, noveni u oħrajn. Imma waħda minnhom laqtitni; kienet tgħid li kien hemm diskors li sar fin-Nadur fl-1785. Mort nara dan il-manuskritt u hekk kif dħalt fl-arkivji tal-Università u l-arkivista ġabitli dak li tlabtha bqajt impressjonat. Sibt paniġierku li sar fin-Nadur fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pietru u San Pawl. Imma dak mhux kollox. Sirt naf ukoll li hu miktub bil-Malti – xi ħaġa ftit mhux tas-soltu. Billi dan kien għadu ħadd ma ppubblikah u dawk kollha li kitbu dwar in-Nadur ma kinux jafu bih iddeċidejt li nidħol għal din il-biċċa xogħol jien. Ħdimt fuqha għal sigħat twal ħafna sakemm irnexxieli naqra dak kollu li kien hemm fiha. Issa din nistgħu nqegħduha mal-istorja tal-parroċċa tan-Nadur biex hekk tkompli żżewwaq l-istorja ta' parroċċa li tgħodd mijiet ta' snin.

**Spjegazzjoni:** L-ewwel nett, dan id-diskors ma nafux ta' min hu. Nafu biss li l-manuskritt bil-ħafna kitbiet tiegħu huma aktarx ta' l-istess awtur. Jista' wieħed ukoll iżomm illi dan kien Malti mhux Għawdxi għax f'dan il-manuskritt kollu, in-Nadur biss huwa l-uniku post f'Għawdex li hu ġie jgħallem, għalmenu sa fejn dan il-manuskritt iwassalna. Jidher li kien predikatur magħruf, għax insibu li dan mar jippriedka f'diversi postijiet prominenti f'Malta bħalma huma l-Birgu, Bormla u l-Belt Valletta. Fittixt fl-arkivji tal-parroċċa tagħna min seta' kien, imma dan it-tiftix ma ħalliex ir-riżultat mixtieq. Dan huwa diskors miġbur f'żewġ faċċati, diskors bil-Malti li kienet xi ħaġa mhux tas-soltu. Dan għaliex il-Malti dak iż-żmien kien għadu jitqies bħala lingwa mitkellma, imma mhux miktuba. Il-predikatur kiteb bil-Malti, probabbli għax kien ser jippriedka bil-Malti, għalhekk, forsi din il-karta telgħet mal-predikatur fejn ippriedka u setgħet kienet bħala punti personali tiegħu biex ikun jista' jmexxi fuqha. Kif wieħed jista' jara, il-Malti huwa Malti qadim ħafna. Nistgħu ninnutaw ukoll il-mod li bih ippriedka dan il-bniedem, kemm kien bniedem li pprepara u rriċerka dan il-paniġierku; x'ħin wieħed jaqra il-kontenut tiegħu, jinduna għalfejn qed ngħid dal-kliem. Id-diskors ser nippubblikah f'żewġ kolonni, waħda kif inhu fl-oriġinal u fl-oħra addattat biex ikun jista' jinftiehem xi ftit aktar.

**Fil-ħarġa li jmiss:** Hawnhekk qed nippubblika l-ewwel faċċata ta' dan il-paniġierku, fil-ħarġa li jmiss nippubblika t-tieni faċċata tiegħu kif ukoll nagħti sfond storiku taż-żmien li fih inkiteb dan id-diskors biex b'hekk dan jidħol fl-istorja tal-parroċċa tan-Nadur fil-kuntest tiegħu. Din il-parti ta' l-artiklu għandha tingħaqad mal-parti li jmiss fil-ħarġa tal-"Luminaria" li ġejja biex b'hekk jifforma artiklu wieħed ħolisitiku.

**Nota:** Dan id-dokument huwa proprjetà tal-Librerija tal-Università ta' Malta u bl-ebda mod ma jista' jiġi riprodott mingħajr permess.



## Id-diskors fl-oriġinali. Discorso San Pietro, e Paolo. fatto nel Nadur nel 1785

*Erant autem Moises et Elias visi in maiestate Luca 9*

Se fi Taborri iuri ruhu issiet f compara ta trionf. Salvatur ta rwihitna; fost edauc lantichi profeti cbarat ta sinagoga, mose u elia; ma inharsu leih fuc edac l'altar f nofs edauc izeuc Apostoli u Principi tal cnisia Pietru u Paulu, u edina taua sura issiet maestusa. dment billi nithaiel ma duar iredentur u lil Pietru u lil Paulu fuc edac l'altar, inghit li hua il vera Taborri ta gloria lil Gesu, anzi mux bis lil Gesu ċhem lil Pietru u lil Paulu. isti sunt erisi inghit visi in maiestate. ixena colħa dia fil-mont Tabor ghaliex colħa chienet in figura ta X'pu bniedem, bein mose, u elia

## Id-diskors addattat biex jinftiehem. Diskors – San Pietru u San Pawl li sar fin-Nadur fl-1785

*Erant autem Moises et Elias visi in maiestate*[1] *Luqa 9.*

Jekk fuq it-Tabor juri ruħu, iżjed f'dehra ta' trijonf, Salvatur ta' ruħitna meta, fost dawk l-antiki profeti kbarat tas-sinagoga, Mosè u Elija; meta nħarsu lejh fuq dak l-altar, f'nofs dawk iż-żewġ Appostli u Prinċpijiet tal-Knisja, Pietru u Pawlu, din tawha sura iżjed majestuża. Waqt li nistħajjel madwar ir-Redentur lil Pietru u lil Pawlu fuq dak l-altar, ngħid li huwa l-vera Tabor ta' glorja lil Ġesù, anzi mhux biss lil Ġesù, imma wkoll lil Pietru u lil Pawlu. *Isti sunt*[2] *visi* ngħid *visi in maiestate*[3]. Ix-xena kollha dija fuq il-muntanja Tabor għaliex kollha kienet in

chighit, fi ftit tal mumenti diebet. edina fuc edac laltar ta' X'pu immortali bein Pietru u Paulu, hia trionf complut u ghal ecda icun etern. eccu immela li misjuba bi ciar fil cnisja militanti p hsieb sensibili, u sabiha, li bil complament tfisser il gloria ta' X'pu, u il gloria ta edaun i zewc Apostoli fil cnisja trionfanti. X'pu f nofs Pietru u Paulu, glorificat, u glorificanti, li lil Pietru iccomunicalu inonioni tighu, esri tighu ta chap, u li lil Paulu iati l gratia li gharfu lil bnedmin a nom tieghu. eccda ucol blistes mod gloriusi ma dwar X'pu, u X'pu blistes mod iglorificat minhom. glorificat min Pietru fi scalationi ta l arcani tieghu. glorificat min Paulu fil predicationi tal verità tighu li igifieri glorificat flarcani tighu li mill fidi inurnu per opera ta San Pietru, glorificat fil verità tighu li isciandru ma digna, u li bl opri itcompleu mil carità taghna, per opera ta San Paul. sicche nocoghdu u narau itrionfi cbar ta edaun izeuc Apostoli bitnein dia tal cnisja cattolica u assistenti. fil X'pu glorius fi sema u flart. u nibda.

figura ta' Kristu bniedem bejn Mosè u Elija, ingħid fi ftit tal-mumenti diebet. Din fuq dak l-altar ta' Kristu immortali, bejn Pietru u Pawlu hija trijonf komplut u għal hekkda jkun etern. Hekku mmela li hi misjuba biċ-ċar fil-Knisja militanti b'ħsieb sensibbli u sabiħa, li bil-kumplament tfisser il-glorja ta' Kristu u l-glorja ta' dawn iż-żewġ Appostli tal-Knisja trijonfanti. Kristu, f'nofs Pietru u Pawlu, glorifikat u glorifikanti li lil Pietru kkomunikalu l-missjoni tiegħu, esseri tiegħu ta' kap u li lil Pawlu jagħti l-grazzja li għarrfu lill-bnedmin għan-nom tiegħu. Hekkda wkoll, bl-istess mod glorjużi madwar Kristu u Kristu bl-istess mod igglorifikat minnhom. Glorifikat minn Pietru fir-rivelazzjoni tal-misteri tiegħu. Glorifikat minn Pawlu fil-predikazzjoni tal-verità tiegħu li jiġifieri glorifikat fil-misteri tiegħu li mill-fidi mxerrdin bil-ħidma ta' San Pietru, glorifikat fil-verità tiegħu li jxandru mad-dinja u li bl-opri jitkomplew mill-karità tagħna bil-ħidma ta' San Pawl. Allura noqgħodu u naraw it-trijonfi kbar ta' dawn iż-żewġ Appostli li t-tnejn dija tal-Knisja Kattolika u assistenti fi Kristu glorjuż fis-sema u fl-art. U nibda.

**Parte Unica.**

Fidi u carità, edauc izeuc virtu aħwa, u pedamentali tal cnisia cattolica, il waħda li taħħa idia u i leħen li tiggiustificaħa, appuntu ħuma edauc izeuc preropatiui cbar li incurunau iras ta edaun izeuc principi Apostoli tal cnisia mcassa. il fidi bi ciar f ras San Pietru, il carità f ras San Paul; u edaun listes virtu fundamentali huma edauc li icampau fil gloria ta Redentur li igi glorificat flarcani tighu ghal cliem ta Pietru fil cnisia Cattolica u igi imfisser fl oraculi tighu gha leħen ta Paulu ma digna colha. di onedu tali iena nilmaħ fuc edac l'altar imcaddes le lil dauc izeuc cherubin ta larca cmandati lil Mose

**L-Unika Parti**

Fidi u karità, dawk iż-żewġ virtujiet aħwa u pedamentali tal-Knisja Kattolika, l-waħda li tagħha dija u l-leħen li tiġġustifikaha, appuntu huma dawk iż-żewġ virtujiet kbar li nkurunaw ir-ras ta' dawn iż-żewġ prinċpijiet Appostli tal-Knisja Mqaddsa. Il-fidi biċ-ċar f'ras San Pietru, il-karità f'ras San Pawl; u dawn l-istess virtujiet fundamentali huma dawk li nsibu fil-glorja tar-Redentur li jiġi glorifikat fil-misteri tiegħu bil-kliem ta' Pietru fil-Knisja Kattolika u jiġi mfisser fir-rivelazzjoni tiegħu bil-leħen ta' Pawlu mad-dinja kollha. Mhux ta' b'xejn talli jiena nilmaħ fuq dak l-altar imqaddes mhux lil dawk iż-żewġ Kerubini ta' l-arka kmandati lil Mosè fl-

fl esodu. Cherub unus sit in latere uno, et alter in altero. Iitnein bi guenaħħom miftuħin, u bi riushom imnissla lisfel, ma nilmaħ bensi f Pietru u f Paulu, assistenti ma dwar idivinità incarnata edac il misteriu liehor li chighet Mose f Sinai isma loraculi, u icontempla larcani. u isengha ta Aron hdein larca lifisser loraculi musmughin mi Mose lil populu u ghal ecda ixbiħa nilmaħ f Pietru li sauar cliemu fuc larcani ta X'pu mismugha. u f Paulu li mi larcani ta' X'pu musmugħin min Pietru icaui leħnu biex inedihom lil cnisia. ma imorru flistoria.

SaBiex tigi fundata il fidi chien inhtiec li xi ruħ mi lissiet illuminati iemmen sollenement fi X'pu, u li tinghatalu fuc il cnisia il principat. fuc min hasep X'pu tali impiec iappoggia hlief fuc Pietru? ma chif chat saiet fchaiar u ignorant chien ista iaghraf lil Gesu bin Alla u salvatur tal bnedmin! chien inhtiec immela li alla mi smeuiet insel fil menti tihu biex isemahlu tali arcan ta divinità ta X'pu biex Pietru isauar edana il gran dogma lil cnisia cattolica. u Paulu imbaghat isauar leħnu biex iniedi lil bnedmin il misteriu, u ifonda il cnisia cattolica u saltnatu fil comussioni tal bnedmin. iva aħna fil-pront. ithol Gesu bein lapostoli u itlobhom xhieda talli iemmnu fiħ. Pietru bis, callu hosbien f'alla, ithaddet u istchar bi ciar. inti bin alla bniedem. inti l-Messia u isalvatur ta digna. tu es X'pu filius dei vivi. o gran risposta ta' Pietru! o dogma venerabili, u bidu ta cul dogma u ta sahha tal bnedmin. ecda itchellem Alla f Pietru ...

Eżodu. *Cherub unus sit in latere uno, et alter in altero* [4] li t-tnejn bi ġwenħajhom miftuħin, u bi rjushom imniżżla 'l isfel, imma nilmaħ però f'Pietru u f'Pawlu, assistenti madwar id-divinità inkarnata, dak il-misteru l-ieħor li qiegħed Mosè fis-Sinaj, jisma' l-orakli u jikkontempla l-misteri u s-sengħa ta' Aaron ħdejn l-arka jfisser r-rivelazzjonijiet rrivelati minn Mosè, lill-poplu u f'dik it-tixbiha nilmaħ f'Pietru li sawwar kliemu fuq il-misteri ta' Kristu mismugħa u f'Pawlu, li mill-misteri ta' Kristu msemmgħin minn Pietru, jqawwi leħnu biex inedihom lill-Knisja, imma mmorru fl-istorja.

Sabiex tiġi fundata l-fidi, kien jinħtieġ li xi ruħ mill-iżjed illuminati jemmen sollenament fi Kristu u li tingħatalu fuq il-Knisja, il-prinċipat. Fuq min ħaseb Kristu tali impjieg jappoġġja ħlief fuq Pietru? Imma kif qatt sajjied fqajjar u injorant kien jista' jagħraf lil Ġesù Bin Alla u Salvatur tal-bnedmin! Kien meħtieġ immela li Alla mis-smewwiet jinżel fil-menti tiegħu biex isemmagħlu tali misteri tad-divinità ta' Kristu biex Pietru isawwar din il-domma kbira lill-Knisja Kattolika, u Pawlu mbagħad isawwar leħnu biex iniedi lill-bnedmin il-misteru u ifonda l-Knisja Kattolika u saltnatu fl-emozzjoni tal-bnedmin. Iva aħna fil-pront[5]. Jidħol Ġesù bejn l-Appostli u jitlobhom xhieda talli jemmnu fih; Pietru biss qallu filwaqt li jaħseb f'Alla; tħaddet u stqarr biċ-ċar. Inti bin Alla bniedem. Inti l-Messija u s-Salvatur tad-dinja. *Tu es Christus Filius Dei vivi* [6]. O risposta kbira ta' Pietru! O domma venerabbli, u bidu ta' kull domma u ta' saħħa għall-bnedmin. Hekkda tkellem Alla f'Pietru...

*Ikompli fil-ħarġa li jmiss...*

---

1 *"...li kienu Mosè u Elija li dehru fis-sebħ" (Lq. 9: 30).*
2 *Hekk ikun.*
3 *Dehru fis-sebħ (Lq. 9:30).*
4 *"Tqiegħed Krubin, wieħed f'tarf, u l-ieħor f'tarf ieħor..." (Eż. 25:19).*
5 *Hawnhekk hawn ambigwità. Din is-sentenza qasira tista' titfisser b'żewġ modi. (1) "Iva", aħna ngħidu] fil-pront. Jew inkella (2) Iva aħna fil-pront, qed jirreferi li Malta laqgħet it-twemmin Kattoliku fil-pront, kmieni mal-miġja ta' San Pawl. Din ta' l-aħħar tista' tkun probabbli jekk wieħed jikkunsidra li dawn huma punti qosra biex hu mbagħad jelabora fuqhom.*
6 *"Inti Kristu Bin Alla l-ħaj" (Mt.16:16).*